**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 28.12.08: FESTA TAL-FAMILJA MQADDSA ta' ĠESU', MARIJA u ĠUŻEPPI.**

**IT-TNEJN, 29.12.08:** Matul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu se nagħmlu ħarġa għall-abbatini kollha.

**L-ERBGĦA, 31.12.08: L-AĦĦAR TAS-SENA.**

**Fis-6.00p.m.** quddiesa li fiha jsir l-kant tat-Te Deum bħala ringrazzjament lil Alla għal dak kollu li għamel magħna matul is-sena li għaddiet.

**IL-ĦAMIS, 1.1.09: S0LENNITA' TA' L-IMQADDSA VERĠNI OMM ALLA**

## JUM IL-PACI

**Fil-11.30a.m.** se jkun hawn ftit ħin ta' Adorazzjoni biex nibdew is-Sena l-Ġdida f'riġlejn Ġesu' Ewkaristija.

Nitolbu ħafna lil Ġesu' għall-paċi fid-dinja, f'pajjiżna u fil-familji tagħna.

**IL-ĠIMGĦA, 2.1.09:** L-EWWEL ĠIMGĦA TAX-XAHAR.

Illum ikun hawn l-Adorazzjoni quddiem Ġesu' Sagramentat mit-8.00a.m. sal-11.00a.m. u mis-2.30p.m. 'l quddiem.

Nistieden lil kulħadd biex inkunu persuni iktar qrib Ġesu' Ewkarsitija matul din is-sena li ġejja.

L-Intenzjoni ta' l-Adorazzjoni ta' llum se tkun biex joħroġ ħafna ġid spiritwali mill-Missjoni Djoċesana li se sseħħ fostna f'dawn il-ġranet.

Ikun hawn l-Adorazzjoni organizzata
mit-8.30 sad-9.30a.m. b'Talb għall-Familja
Mis-2.30 sat-3.30p.m. b'Talb lill-Ħniena Divina
Mill-5.00 sas-6.00p.m. b'Talb għall-Komunita'

***Ħu sehem f'xi waħda minn dawn is-siegħat.***

### LAQGĦA GĦALL-MISSJUNARJI F'TA' PINU

Illum il-Ġimgħa, 2 ta' Jannar se ssir Laqgħa ta' formazzjoni għall-Missjunarji u l-i*streetleaders* fis-Santwarju Ta' Pinu. Tibda fis-7.00p.m. ikun hawn it-trasport provdut.

Nagħmel appell speċjali lill-Missjunarji biex jattendu għal din il-laqgħa mportanti.

**IL-ĦADD, 4.1.09: SOLENNITA' TA' L-EPIFANIJA TAL-MULEJ.**

**Fis-6.00p.m.** Mons. Isqof se jagħti l-Mandat lill-Missjunarji Lajċi li se jieħdu sehem fil-Missjoni. Dan se jsir fil-Katidral waqt iċ-Ċeleberazzjoni ta' l-Ewkarsitija.

Il-Missjunarji huma mitluba li jkunu kollha preżenti.

### QRAR

**Il-qrar minn Konfessuri barranin se jkun : l-Erbgħa fis-7.15a.m. u mill-4.00p.m. 'l quddiem.**

### IL-MISSJONI DJOCESANA

Matul il-ġranet bejn il-5 u l-25 ta' Jannar se tinżamm f'Għawdex kollu l-Missjoni li se tkun tikkonsisti fi żjajjar lill-familji minn Missjunarji Lajċi li jkunu ħadu formazzjoni matul ix-xhur li għaddew.

Fil-parroċċa tagħna se ssir minn persuni lajċi li jkunu minn parroċċi oħra. Fil-Bullettin li jmiss nagħtukom il-programm kollu kif se jkunu l-visti fil-familji bħalma nagħmlu fl-okkażjoni tat-tberik ta' l-Għid.

F'din l-okkażjoni se jsir talb mal-membri tal-Familja u anke tingħata kopja ta' Ittra ta' San Pawl biex il-ħsibijiet li hemm fiha jakkompanjawna matul is-sena kollha.

**NITLOB LILL-MULEJ GESU'**
**IBIEREK il-KOMUNITA' PARROKKJALI KOLLHA, B'HAFNA BARKIET MIS-SEMA, MATUL IS-SENA L-GDIDA**